MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 312/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Joseph Deguara**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles Joseph Deguara ta’ 22 sena, detentur ta’ karta ta’ l-identita` numru 459498(m), talli nhar il-25 ta’ Dicembru 2005 ghall-habta ta’ 1.30am waqt li kien gewwa l-istabbiliment maghruf bhala ‘Grigio’ li jinsab gewwa Triq Spinola San Giljan (**1**) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Lee Ross min-Naxxar skond kif iccertifika Dr S Grech MD tal-Isptar San Luqa, u (**2**) hebb ghall-istess Lee Ross sabiex jingurjah, idejqu u jaghmillu hsara;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Awissu 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charles Joseph Deguara hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 446, poggiet lill-istess Deguara taht Ordni ta’ *probation* ghaz-zmien massimu permess mil-ligi ta’ tlett [3] snin, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess sentenza u inkorporati fl-Ordni anness ma’ l-istess sentenza;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula mill-istess Charles Joseph Degura fit-22 ta’ Awissu 2007, debitament milqugha f’dik l-istess gurnata mill-Qorti Inferjuri;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Charles Joseph Deguara, minnu prezentat fit-3 ta’ Settembru 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta’ Novembru 2007; ikkunsidrat:

L-appellant bazikament jikkontendi li hu ma ghamel xejn minn dak li qed jigi allegat kontra tieghu. Subordinatament jghid li anke jekk wiehed kellu joqghod fuq dak li hu *ex post facto* kien qal f’telefonata li kien ghamel u *sms* li kien baghat, din l-“istqarrija” (ossia konfessjoni) kienet karpita minnu “b’theddid jew biza’ jew weghdiet jew bi twebbil ta’ vantaggi”, b’mod ghalhekk li tali “stqarrija” hija inammissibbli. Bla pregudizzju ghal dan kollu u dejjem subordinatament, l-appellant ighid ukoll li jekk, ghall-grazzja ta’ l-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, huwa effettivament ghamel il-hsara fil-widna ta’ Lee Ross, dan ghamlu f’cirkostanzi ta’ legittima difeza jew, fl-aghar ipotesi, ta’ eccess ta’ legittima difeza meta huwa kien mahkum minn biza’, jew addirittura f’cirkostanzi ta’ rissa (offiza waqt rissa). Fl-ahharnett l-appellant jittanta jghid li l-hsara fil-widna ta’ Ross setghet kienet ikkagunata anke involontarjament.

Huwa evidenti li l-kaz kollu jippernja fuq apprezzament tal-provi, pero` tajjeb li jinghad mill-bidunett li certi linji difensjonali (ankorke` sussidjarji) ta' l-appellant huma legalment insostenibbli. Hekk, per ezempju, dejjem gie ritenut li c-cirkostanzi li jirrendu konfessjoni inammissibbli u li huma msemmija fl-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali – cioe` it-theddid, biza', weghdiet jew twebbil ta' vantaggi – iridu jkunu gejjin minn persuna f'awtorita`, u certament Alan Muscat, li skond l-appellant ipprecipita din il-konfessjoni, certamemnt ma kinitx persuna f'tali posizzjoni. Hekk ukoll, l-offiza f'rissa (Art. 237, Kap. 9) hija koncepibbli biss f'sitwazzjoni meta l-awtur tal-offiza ma jkunx maghruf u mhux meta, kif donnu qed jipprova jghid l-appellant fir-rikors tieghu, persuna wahda (f'dan il-kaz huwa) tkun aggredita minn diversi nies u din tirreagixxi billi twegga' lil xi hadd.

Din il-Qorti qrat bir-reqqa d-deposizzjonijiet kollha – li frankament ma humiex hafna u anqas huma twal hafna (addirittura xi xhieda prattikament ma jghidu xejn ta' sustanza) – u ma tista' b'ebda mod tikkondividi l-konkluzzjoni ta' htija milhuqa mill-ewwel Qorti. Ma hemmx dubbju li fil-gurnata, hin u lok indikati fl-imputazzjoni, iz-zaghzugh Lee Ross, li dak il-hin kien ghall-affari tieghu qed jiehu *drink* fl-istabbiliment bl-isem "Grigio", safa bil-parti t'isfel nett tal-widna l-leminija (*right ear lobe*) – fejn allura kellu misluta – migduma u maqtugha. Dan gara fil-mument li inqalghet kommozzjoni minhabba xi haga li kien ghamel l-appellant. L-appellant u dana Ross ma kinux jafu lil xulxin, u addirittura Ross anqas jiftakar jara lill-appellant waqt din il-kommozzjoni[1]. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentneza taghha, hadd mix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni ma seta' jindika lill-appellant bhala li kellu xi forma ta' kuntatt fiziku ma' l-imsemmi Ross, wisq anqas ghalhekk li gidimlu widintu[2]. Li gara kien li immedjatament

[1] "No, I did not even see Charles. I did not even know he was involved. I didn't even see him. They told me it was him afterwards and they told me he was involved in the fight, in the argument." – fol. 25.

[2] L-uniku xhud li jghid li l-appellant u Ross kellhom xi jghidu hu Ian Diacono, li pero` xorta proprjament ma jindikax li kien hemm xi forma ta' kuntatt fiziku: "Filwaqt li kont hemm hekk inqalghet glieda u dan bejn l-imputat li qee naghraf prezenti fl-awla bhala Charles Joseph Deguara u certu Lee Ross. Mistoqsi fuq x'hiex inqalghet din il-glieda nghid li ma nafx. Mistoqsi jekk huma t-tnejn biss kienu qed jiggieldu nghid li le, kien

wara l-incident, xi hadd – li qatt ma gie prodott bhala xhud – beda jghid li kien l-appellant li gidem lil Ross. Ghalhekk dik il-gurnata stess tal-25 ta' Dicembru, pero` filghaxija, certu Alan Muscat – li anqas kien fil-*bar* fl-hin ta' l-incident[3] – mar ghand l-appellant u, wara li qallu li kien hu (Deguara) li kien wegga' lil Ross, qallu wkoll li kien ikun ahjar jekk jaghmel apologija lil Ross biex l-affari titmewwet. L-appellant, minghajr ma qatt accetta li kien hu li wegga' lil Ross ghax anqas kien jaf min hu dan Ross [4] – ghax, fi kliemu stess, ma jiftakarx x'kien gara peress li kien imlahlah mhux hazin – l-ewwel cempel fuq ic-cellulari lil Ross (in-numru tahulu Muscat) u filwaqt li tenna li ma jiftakarx li kien ghamillu xi haga, skuza ruhhu ghal dak li gara. Fi kliem Ross:

***"What he told me, he told me I am really sorry for doing what I did to your ear but I don't remember doing it."*** – fol. 38

***"Charles told me like, I am sorry what I have done, I have no idea that I did this."*** – fol. 39

Peress li Ross -- li allura, mhux ghax kien jaf hu, izda ghax kien sema' minghand haddiehor (li ma gie qatt prodott bhala xhud) li kien l-appellant li kien gidmu -- hadu ftit bil-herra lill-appellant meta dan cempillu, l-appellant in segwitu baghtlu *sms* fejn rega' tenna l-apologija[5].

Kien a bazi ta' dawn l-apologiji biss li l-ewwel qorti kienet tal-fehma li setghet tasal ghall-konkluzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, dwar il-htija ta' l-appellant. L-ewwel qorti irriteniet li hawn ghandna ammissjoni ossia konfessjoni da parti ta' Deguara. Issa, ma hemmx dubbju li, f'cirkostanzi kongrui, apologija tista' tkun forma ta'

---

hemm nies ohra. Lee Ross pero` naf li spicca ferut f'dan l-incident ghaliex xi hadd kien gidimlu widnejh. Mistoqsi min gidimlu widnejh nghid li ma nafx." – fol. 83.

[3] Fol. 78.

[4] Fol. 99-100.

[5] "Hi Lee, it is CJ. Just so you have my number and my MSN, I give you my email address if you need them. As I said I am really sorry and can understand whatever you think is necessary. My life has been one hell of a bad trip lately, with my father on the verge of dying and facing bankruptcy, the alcohol just amplified it all and I am sorry. You just happened to be there. Anything I can do just tell me." – fol. 24.

ammissjoni u dan peress li normalment persuna taghmel apologija ghal dak li effettivament tkun ghamlet u mhux tapologizza fil-vojt jew fil-arja. Anzi, apologija spontanja hi normalment mhux biss ammissjoni ta’ htija izda indikazzjoni li dak li jkun jiddispjacih ta’ dak li jkun ghamel u li lest li jgahmel tajjeb ghall-hsara li jkun ghamel. Pero` apologija tista’ ssir anke a nom ta’ haddiehor – u certament min ikun apologizza ma jkunx b’hekk qed jassumi r-responsabbilta` ta’ dak li jkun ghamel haddiehor – u tista’ tkun ukoll kundizzjunata. U din il-Qorti tara li dan hu proprju dak li ghandna f’dan il-kaz – apologija kundizzjonata. L-appellant ma’ qalx lil Ross “Jien kont li ghamiltlek hekk”, ghax hu ma jiftakarx li ghamillu xi haga; izda peress li ohrajn (li, jerga’ jinghad, qatt ma ttellghu jixhdu) kienu qed jghidu li kien hu, lil Ross qieghed effettivament jghidlu: “Jekk kont jien, nitolbok skuza.” F’dawn ic-cirkostanzi, l-apologija ma tistax titqies bhala ammissjoni, li min-natura taghha trid tkun mhux wahda ekwivoka, bhal meta tkun kundizzjonata, izda trid tkun cara. Ghalhekk ebda ammont ta’ kwotazzjonijiet minn awturi dwar il-volontarjeta` ta’ l-istqarrijiet tal-imputati, bhalma nsibu fis-sentenza appellata, ma jista’ jbiddel il-fatt li hawn si tratta mhux ta’ “konfessjoni” izda biss ta’ apologija kundizzjonata. Konsegwentement l-ewwel qorti ma setghetx legalment tasal ghall-konkluzzjoni ta’ htija li effettivament waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, u minghajr ghalhekk ma toqghod tidhol fl-aggravji l-ohra msemmija fir-rikors ta’ appell, din il-Qorti tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------